EBA/GL/2020/08

25 ta’ Ġunju 2020

# Linji gwida li jemendaw il-Linji Gwida EBA/GL/2020/02

## dwar moratorji leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi dwar il-ħlasijiet ta’ self applikati fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19

# Werrej

**1. Sommarju Eżekuttiv 3**

# 1. Sommarju Eżekuttiv

It-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri ta' rispons li ġew adottati f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja u fl-Unjoni Ewropea (UE), inklużi diversi forom ta' restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-popolazzjoni, għandhom konsegwenzi ekonomiċi sinifikanti. B'mod partikolari, ħafna negozji u individwi privati affettwati mill-kriżi jistgħu jiffaċċjaw nuqqas ta' likwidità u diffikultajiet fil-pagament f'waqtu tal-impenji finanzjarji u oħrajn tagħhom.

F'dan il-kuntest, l-EBA ħadet għadd ta' passi biex tiċċara l-flessibbiltà inkorporata fil-qafas tal-kapital regolatorju u tipprovdi għajnuna operazzjonali b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19. Waħda mill-azzjonijiet deċiżivi tal-EBA kienet il-pubblikazzjoni tal-linji gwida dwar moratorji leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi dwar il-pagamenti ta' self applikati fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 (EBA/GL/2020/02, minn hawn 'il quddiem il-linji gwida dwar il-moratorji).[1] Il-linji gwida dwar il-moratorji jispeċifikaw il-kriterji li l-moratorji leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi jridu jissodisfaw, b'tali mod li r-riklassifikazzjoni awtomatika għat-tolleranza u l-valutazzjoni awtomatika ta' miżuri ta' ristrutturazzjoni oneruża ma jkollhomx għalfejn jiġu applikati. Fost il-kundizzjonijiet, ġie miftiehem li l-linji gwida dwar il-moratorji jkunu limitati biż-żmien, konsegwentement il-moratorju għandu jitħabbar u jiġi applikat (jiġifieri, il-pagament jenħtieġ li jiġi skedat mill-ġdid) qabel it-30 ta' Ġunju 2020.

Madankollu, meta ħarġet il-linji gwida dwar il-moratorji, l-EBA qieset il-possibbiltà li, skont l-iżvilupp sussegwenti, testendi l-iskadenza tat-30 ta' Ġunju 2020. Bl-ekonomiji tal-UE li għadhom ma fetħux għalkollox u meta wieħed iqis li l-kriżi tal-COVID-19 qed taffettwa lill-pajjiżi tal-UE b'mod differenti u b'pass differenti, l-EBA ddeċidiet li tkompli tappoġġa lill-banek fl-għoti ta' finanzjament lin-negozji Ewropej billi testendi d-data tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida bi tliet xhur.[2]

Dawn il-linji gwida issa jemendaw il-paragrafu 10, l-ittra f), tal-linji gwida dwar il-moratorji u jintroduċu l-iskadenza ġdida tat-30 ta' Settembru 2020 li tissostitwixxi d-data preċedenti tat-30 ta' Ġunju 2020.

Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni u l-enfasi speċifika ta' dawn il-linji gwida fuq il-miżuri relatati mal-pandemija tal-COVID-19, l-EBA iddeċidiet li ma twettaqx konsultazzjonijiet pubbliċi jew analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji f'dan il-każ. L-EBA nnotifikat lill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati (BSG) bl-intenzjoni tagħha li toħroġ il-linji gwida iżda ma talbitx il-parir tal-BSG.

[1] https://eba.europa.eu/eba-publishes-guidelines-treatment-public-and-private-moratoria-light-covid-19-measures
[2] https://eba.europa.eu/eba-extends-deadline-application-its-guidelines-payment-moratoria-30-september.

EBA/GL/2020/08

25 ta' Ġunju 2020

# Linji gwida li jemendaw il-linji gwida EBA/GL/2020/02

## dwar moratorji leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi dwar il-ħlasijiet ta' self applikati fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19

# 1. Obbligi ta’ konformità u ta’ rapportar

## Status ta’ dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[3]. F’konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jeħtieġ li jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-opinjoni tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta’ Superviżjoni Finanzjarja jew dwar il-mod kif id-dritt tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi applikat f’qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż meta l-linji gwida jkunu indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta’ rapportar

3. F’konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġ li jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma’ dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta’ konformità, sas-26 ta’ Awwissu 2020. Fin-nuqqas ta’ kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki jenħtieġ li jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza “EBA/GL/2020/08”. In-notifiki jenħtieġ li jiġu sottomessi minn persuni li għandhom l-awtorità xierqa sabiex jirrapportaw il-konformità f’isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus tal-konformità trid tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki sejrin jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f’konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Destinatarji

5. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefinit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u lill-istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefinit fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida jibdew japplikaw mill-25 ta' Ġunju 2020.

# 4. Emendi

7. Il-Paragrafu 10(f) tal-Linji Gwida EBA/GL/2020/02 dwar moratorji leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi fuq il-ħlasijiet ta' self applikati fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19 huwa emendat kif ġej:

   "(f) il-moratorju tnieda b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 u ġie applikat qabel it-30 ta' Settembru 2020." Madankollu, din l-iskadenza tista' tiġi riveduta fil-futur skont l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni attwali assoċjata mal-pandemija tal-COVID-19."